22.11.2017 A8-0339/2

**Emenda 2**
**Kostadinka Kuneva, Merja Kyllönen, Eleonora Forenza, Patrick Le Hyaric, Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Marina Albiol Guzmán, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, João Pimenta Lopes, João Ferreira, Miguel Viegas, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0339/2017**
**Helga Stevens**
L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
2017/2127(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 128**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 128. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, b'segwitu għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-UE, jadottaw miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet b'diżabilità; | 128. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, b'segwitu għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-UE, jadottaw miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet b'diżabilità; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal strateġija Ewropea komprensiva għall-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Kostadinka Kuneva, Merja Kyllönen, Eleonora Forenza, Patrick Le Hyaric, Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Marina Albiol Guzmán, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, João Pimenta Lopes, João Ferreira, Miguel Viegas, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0339/2017**
**Helga Stevens**
L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
2017/2127(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 128a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***128a. Jirrikonoxxi li n-nisa b'diżabilità, speċjalment diżabilità intellettwali, huma aktar vulnerabbli għall-vjolenza sessista, għall-fastidju sesswali jew għal forom oħra ta' abbuż; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li minħabba l-pożizzjoni tagħhom ta' dipendenza għandhom imnejn ma jkunux kapaċi jidentifikaw jew jirrappurtaw l-abbuż; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi akkomodata aktar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità li tipprevedi miżuri preventivi intiżi biex jiġi evitat kull tip ta' abbuż u biex il-vittmi tal-vjolenza jingħataw appoġġ ta' kwalità għolja, aċċessibbli u mfassal apposta;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Kostadinka Kuneva, Merja Kyllönen, Eleonora Forenza, Patrick Le Hyaric, Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Marina Albiol Guzmán, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, João Pimenta Lopes, João Ferreira, Miguel Viegas, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0339/2017**
**Helga Stevens**
L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
2017/2127(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 140a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***140a. Jenfasizza l-fatt li għandu jsir provvediment biex il-ħtiġijiet ta' persuni li jfittxu asil, migranti u rifuġjati b'diżabilità jiġu akkomodati b'mod adegwat u raġonevoli, b'kont meħud tad-definizzjoni bidimensjonali tad-diżabilità pprovduta fil-UNCRPD meta ssir valutazzjoni tal-vulnerabilità għal skopijiet ta' eliġibilità; jisħaq, barra minn hekk, li d-diżabilità għandha mnejn tkun konsegwenza jew kawża ta' spostament, ostaklu għall-aċċess għal protezzjoni u/jew fattur li jwassal għal ċerti ħtiġijiet ta' assistenza li jridu jiġu ssodisfati fiċ-ċentri ta' akkoljenza u ta' detenzjoni; jieħu nota speċjali tal-bżonn urġenti li jkun hemm identifikazzjoni f'waqtha, kif ukoll eżamijiet u kura mediċi komprensivi, inkluż appoġġ psikosoċjali;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità